MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 1067/2003/1

**Sandro Scerri**

**v.**

**Simon Darmanin**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-16 ta' Ottubru 2003, li taqra hekk:

"Peress illi fit-3 ta' Dicembru 2001 gewwa Triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun, waqt li l-konvenut Simon Darmanin kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAI

982, habat gol-mutur numru ta’ registrazzjoni KLX 651 misjuq mill-attur u propjeta tieghu stess;

“Peress illi ghal dan l-incident jahti unikament il-konvenut Simon Darmanin stess u dana minhabba traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

“Peress illi l-attur sofra danni konsiderevoli fil-mutur u griehi serji b’rizultat ta’ l-istess incident;

“Peress illi Simon Darmanin gie interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni kagunati u risultanti mill-imsemmi incident izda xorta wahda baqa’ inadempjeni;

“Jghid il-konvenut in vista tal-premess ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi kien Simon Darmanin unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi b’rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku tat-3 ta’ Dicembru, 2001;

“(2) Tiddikjara okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi li l-attur sofra dizabilita permanenti b’rizultat tal-griehi gravi kkagunati lilu fl-incident in kwistjoni u tiddetermina il-percentagg ta’ din id-disabilita;

“(3) Tillikwida okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attur fuq il-persuna tieghu;

“(4) Tillikwida okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attur fil-mutur tieghu;

“(5) Tikkundanna lil Simon Darmanin ihallas lill-attur l-ammonti hekk likwidati;

“Bl-ispejjez u interessi legali ikkalkolati mid-data ta’ l-ittra ufficjali datata 25 ta’ Awissu, 2003, komprizi dawk ta’ l-istess ittra ufficjali tal-25 ta’ Awissu, 2003, kif ukoll ta’ l-

ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma dina c-citazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;"

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma ipprezentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci. Inoltre, il-konvenut qatt ma deher il-Qorti u ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Gunju 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"… **tilqa'** t-talbiet kollha attrici u fir-rigward tat-tielet talba attrici qeghda tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fuq il-persuna tieghu fis-somma ta' tnejn u sebghin elf, sebgha mija u dsaghtax il-euro u erbgha u hamsin centezmu (€72,719.54) u ghar-rigward tar-raba talba attrici qeghda tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fil-mutur tieghu fis-somma ta' erba telef disa mija u tnejn u tmenin euro u tlieta u hamsin centezmu (€4,982.53), sabiex b'hekk tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tnejn u tletin elf seba mija u zewg euro u seba centezmi (€32,702.07) lill-attur.

"Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi irrizulta mill-provi prodotti illi PS 359 Carmelo Abdilla kien investiga l-kollizjoni mertu ta' din il-kawza. Huwa xehed illi l-kollizjoni sehhet fit-Triq id-Dahla ta' San Tumas iz-Zejtun u illi kienet bejn Scammel numru ta' registrazzjoni DAI 982 u mutur numru ta' registrazzjoni KLX 651. Is-Surgent esebixxa ir-rapport relattiv ghall-kollizjoni in kwistjoni, kif ukoll l-isketch. Huwa ikkonferma illi s-sewwieq tal-mutur kien qallu illi ftit qabel il-kollizjoni l-iScammel kien qieghed jaqbez tractor. PS 359 ikkonferma illi s-sewwieq tal-mutur kien sofra xi fratturi u ittiehed l-isptar. Huwa kien kellem lis-sewwieq tat-tractor izda dan kien qallu li ma kienx ra l-kollizjoni issehh. Is-

Surgent qal illi t-tractor kien kbir u illi ma kienx hemm vetturi ipparkjati fit-triq fejn sehh l-incident.

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed l-attur u qal illi dakinhar ta’ l-incident in kwistjoni ghall-habta tal-hamsa ta’ wara nofsinhar kien qieghed isuq il-mutur tieghu fi Triq id-Dahla ta’ San Tumas Zejtun, gej minn naha taz-Zejtun u sejjer fid-direzzjoni ta’ Wied il-Ghajn. It-triq li kien ghaddej minnha kienet bl-ghelieqi fuq iz-zewg nahat u kien hemm xi djar fuq il-lemin tat-triq; liema djar huwa kien skorrihom madwar hamsin metru qabel ma sehh l-incident. L-attur xehed illi dakinhar ta’ l-incident ma kienx hemm sinjali li jidhru ma l-art. Il-kundizzjoni tat-temp kienet tajba u it-triq kien niexfa. L-attur qal illi fil-hin ta’ l-incident kien qieghed isuq b’velocita ta’ madwar hamsin, sittin kilometru fis-siegha u ma kienx hemm karozzi ipparkjati fuq ebda naha tat-triq. Huwa qal illi dak il-hin ma kienx hemm karozzi ohrajn ghaddejjin quddiemu fid-direzzjoni fejn kien sejjer hu u kien qieghed isuq f’nofs il-karreggjata tax-xellug, u cioe’ f’nofs il-karreggjata tieghu. Kien hemm dawra fit-triq u kif skorra id-dawra ra scammel numru ta’ registrazzjoni DAI 982 misjuq mill-konvenut Simon Darmanin gej mid-direzzjoni opposta, u dan l-iscammel kien mahrug b’aktar minn nofsu fuq il-karreggjata tieghu, kif jidher fl-isketch tal-pulizija. Meta ra hekk u meta ra l-iscammel gej ghal fuqu l-attur xehed illi ipprova jaghmel manuvra biex jevitah, applika l-breakijiet u peress li l-mutur tieghu kien diga imdawwar lejn ix-xellug, in vista tal-fatt li kien ghadu hiereg mid-dawra, ma setghax idur aktar lejn ix-xellug biex jghaddi mill-ftit spazju li kien ghad fadal fil-karreggjata tieghu. Ghalhekk kiser ghal fuq il-lemin tieghu, izda il-konvenut baqa’ gej ghal fuqu, ma irnexxielux jevitah u sehhet il-kollizjoni, bil-parti ta’ quddiem tal-mutur tieghu jahbat mal-bumper u man-naha tal-fanal ta’ quddiem tax-xellug ta’ l-iscammel. L-attur ghamel enfazi fuq il-fatt li l-iscammel halla biss zewg metri u sebghin centimetru fuq in-naha tal-lemin tieghu u erbgha metri u sebghin centimetru fuq in-naha tax-xellug tieghu u kien dan il-fattur, apparti l-angulatura tal-mutur tieghu, illi immottiva id-decizjoni tieghu li jipprova jiskapulah fuq ix-xellug

tieghu. F’dan ir-rigward, l-attur spjega li peress illi l-mutur tieghu kien diga imdawwar lejn ix-xellug u konsegwentement kien ftit angolat l-isfel lejn ix-xellug, hu ma seghax jikser aktar lejn ix-xellug ghax kieku ghamel hekk kien jaqa zgur u jispicca taht l-iscammel. Ghalhekk dak il-hin deherlu li l-unika mod li kellu sabiex jevita l-incident kien li jiddritta l-mutur u jdur kemm jista jkun lejn il-lemin. L-attur kompla jghid illi d-dinamika kollha ta’ l-incident sehhet f’hin qasir hafna, f’madwar sekonda jew tnejn. Huwa spjega wkoll illi kien liebes crash helmet u hwejjeg ta’ l-apposta tal-muturi. Ma l-impatt huwa intrema minn fuq il-mutur u gie ghal fuq gembu tal-lemin u ftit li xejn tkaxkar. L-impatt ma kienx ta’ tip ta’ tkaxkira, izda aktar tip ta’ tisbita ma l-art. Huwa spicca pressa poco fin-nofs ta’ bejn l-iscammel u il-hajt. Umbaghad il-mutur tieghu tkaxkar ghal ftit metri fuq il-lemin tieghu u gie jistrieh ma l-art quddiem tractor li kien ghaddej mit-triq fid-direzzjoni opposta u li kien fuq ix-xellug ta’ l-iscammel. L-attur spjega li ta’ l-iscammel kien ghadu qed jaghmel manuvra ta’ sorpass biex jaqla lit-tractor. Fil-fatt kif kien qed jipprova jevita l-iscammel l-attur sab lit-tractor kwazi ma wiccu u irrealizza li li kieku ma habatx ma l-iscammel kien ser isib lit-tractor ma wiccu u kien ser jahbat mieghu wkoll, jew sahansitra jigi tahtu, kieku mhux ghall-fatt li kien ghadu daqsxejn aktar lura mill-iscammel. L-attur xehed illi wara l-impact spicca mimdud ma l-art izda ma intilifx minn sensih. Huwa kien mugugh hafna, izda dak il-hin qam minn ma l-art biex ikellem lil ta’ l-iscammel u ikellem ukoll lil tat-tractor ghaliex it-tnejn riedu jitilqu minn fuq il-post. Tat-tractor, certu Joseph Bonnici, beda jghidlu li ma ra xejn u ried jitlaq, izda l-attur ma hallihx jitlaq minn fuq il-post peress illi l-incident sehh quddiemu u hu kien f’posizzjoni gholja fuq it-tractor tieghu. Dwar is-sewwieq ta’ l-iscammel Simon Darmanin, l-attur xehed illi dan ukoll ried jitlaq minn fuq il-post u beda jghidlu “ha insuq issa nirrangaw”, izda hu ma hallihx jitlaq u insista li jigu l-pulizija fuq il-post. L-attur kompla jixhed illi kien cempel lil missieru biex jigi fuq il-post biex jghinu izomm lil kullhadd hemmhekk u missieru gie fuq il-post, umbaghad gew il-pulizija u l-ambulanza. L-attur qal illi huwa ta l-verzjoni tieghu lill-pulizija, izda ma ftakarx jekk tahomx il-verzjoni tieghu fuq li-post jew inkella l-isptar. L-attur xehed illi

jaqbel mal-verzjoni illi hemm fuq l-okkorrenza tal-pulizija u qal illi dik kienet il-verzjoni illi huwa fil-fatt ta lill-pulizija. L-attur xehed illi jaqbel ukoll ma l-isketch, izda ma jaqbilx ma kif gew indikati u ikklassifikati il-hsarat fuq il-mutur tieghu peress illi l-mutur tieghu kellu hsarat estensivi u mhux tat-tip slight u il-mutur sahansitra imbaram mad-daqqa. Dwar il-punt ta' l-impatt, l-attur immarka dan b'salib blu bl-inizjali tieghu hdejh fuq l-isketch li esebixxa u ghalhekk xehed li l-iscammel baqa miexi ftit 'il quddiem wara l-impatt. L-attur kompla jixhed li ittiehed l-isptar bl-ambulanza u qal illi l-isptar ikklasifikawh illi sofra ksur fl-ispalla u f'dirghajh il-leminija, "fractured right humerus". L-attur kompla jixhed illi l-isptar hadulu l-x-rays u baghatuh id-dar biex jistrih u kellu joqghod id-dar madwar sitt gimghat. Wara dawn is-sitt gimghat, mar l-outpatients l-isptar fejn qalulu illi l-ksur kien ghaqad u baghatuh ghal-fisioterapija u baqa jiehu fisioterapija ghal madwar darbtejn fil-gimgha sat-tmiem Marzu tas-sena 2002. L-attur xehed illi jahdem bhala suldat gunner ma l-armata u minhabba l-incident ma setghax imur ix-xoghol ghal madwar xahrejn. Dak iz-zmien kien jahdem ukoll part time bhala waiter fejn kien jaqla madwar mitt lira Maltin fix-xahar, izda ma setghax ikompli wara l-incident peress li t-tray beda jghajjih. L-attur kompla jghid illi fis-27 ta' Gunju 2002 gie invistat mill-kirurgu ortopediku Frederick Zammit Maempel . L-attur xehed illi ghandu paga ta' hames telef u sitt liri maltin u hamsa u disghin centezmu (LM5,006.95) fis-sena u dwar il-hsarat fil-mutur tieghu xehed illi insurance tieghu qabdu lis-surveyor Peter Bonnici sabiex jaghmillu survey fuq il-mutur tieghu u stima ta' l-ispejjez sabiex jigi irrangat il-mutur tieghu, u l-istima giet tammonta ghal prezz ta' elf tmien mija u tletax il-lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (LM1,813.75). Huwa kompla jixhed illi huwa ma ghamilx dawn ix-xogholijiet fuq il-mutur, izda biegh il-mutur lil terzi ghal prezz ta' tmien mitt lira maltin (LM800) u spejga li kien xtara l-mutur madwar sena qabel l-incident ghall-prezz ta' elfejn u tmien mitt lira Maltin (LM2,800).

"Ikkunsidrat :

“Illi l-kirurgu Frederick Zammit Maempel iccertifika illi l-attur sofra dizabilita permanenti ta’ hamsa fil-mija (5%) b’konsegwenza ta’ l-incident mertu ta’ din il-kawza.

“Illi l-Qorti rat il-konsiderazzjonijiet, konkluzjonijiet u likwidazzjoni tad-danni li waslet ghalihom l-espert tat-traffiku minnha innominata u cioe’:

**Konkluzioniiiet u Likwidazzioni ta danni**

“Illi jidher car li l-incident in kwistjoni sehh peress li l-konvenut kien wrong side jittenta jissorpassa tractor u b’hekk kien qed jostakola il-karreggjata tal-attur li ghalkemm ipprova jiehu *evasive action* sabiex jevita l-incident ma imexxielhux u b’hekk sar l-iskontru u konsegwenzjalment sofra id-danni l-attur.

“Illi b’hekk isegwi li il-hames t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u d-danni likwidati kif isegwi.

“Illi l-attur ghamel riferenza ghal diversi sentenzi rigwardanti il-likwidazzjoni ta danni fin-nota ta sottomissjonijiet tieghu. A skans ta ripetizzjoni u principalment peress li il-kuncetti kwotati huma konsolidati l-esponenti mhux ser taghmel riferenza ghall-istess sentenzi jew sentenzi ohra li jikkonfermaw sostanzjalment l-istess principji.

***<u>Damnum Emergens</u>***

“L-attur esebixxa dok ss4 a fol 61 tal-process fejn l-ispejjes sabiex jigi irrangat il-mutur kien valutat fl-ammont ta Lm1813.75 li fuqhom irid jizdied l-ammont ta Lm326 VAT kif jirrizulta mill-istess dokument u b’hekk l-ammont totali hu ta Lm2139 .L-attur xehed li hu biegh il-mutur ghal Lm800. B’hekk l-ammont dovut bhala *damnum emergens* hu ta **LM2139.**

***<u>lucrum cessans</u>***

“Il-grad ta disabilita gie ritenut li hu ta **5%** mill-espert *ex parte* tal-attur hu ma hemm xejn in atti li jikkontradixxu dan il-grad ta disabilita.

Rigwardanti l-multiplicand jirrizulta li l-attur kien jippercepixxi fil-2005 paga ta cirka Lm5000 fis-sena. Fic-cirkostanzi tal-kas wiehed ghandu jqis l-ammont ta Lm8000 fil-kalkoli tenut kont tal-eta tal-attur ta 23 sena fid-data tal-incident u b'hekk il-possibilita' rejali li l-paga tieghu tul iz-zmien toghla sostanzjalment.

"L-istess eta zghira tal-attur fid-datat tal-incident iwassal ghal multiplier ta 35.

"It-tnaqqis tal-lump sum minn 20% ghandu jinzel ghal 15% stante t-trapass ta zmien minn mindu sehh l-incident.

| | |
|---|---|
| 5% (8000x35) = | LM14,000- |
| 15% lump sum reduction | LM 2,100 |
| Total | **LL11,900** |

**Total dovut LM14,039."**

"Illi l-Qorti, peress illi taqbel mal-konkluzjonijiet u il-likwidazzjoni tad-danni illi ghalihom waslet l-espert tat-traffiku minnha innominata, qeghda taddotta l-imsemmi rapport ta' l-espert tat-traffiku u taghmlu bhala taghha."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Simon Darmanin li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"(i) tiddikjara illi hu qatt ma gie notifikat kif tippreskrivi l-ligi, bic-citazzjoni precitata numru 1067/03 fl-ismijiet premessi;

"(ii) konsegwentement tiddikjara illi l-imsemmija kawza giet mismugha mill-ewwel Onorabbli Qorti bla ma l-esponent, allura konvenut, gie debitament notifikat u ghaldaqstant is-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet premessi, fl-4 ta' Gunju 2009 hi nulla u m'ghandu jkollha ebda effett fil-ligi fil-konfront tieghu;

"(iii) tiddikjara illi l-istess sentenza inghatat in vjolazzjoni tal-principju *audi et alteram partem*;

"(iv) thassar ghal kull fini u effett tal-ligi l-imsemmija sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-4 ta' Gunju 2009, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta ta' Sandro Scerri li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"…tichad l-appell interpost mill-attur appellant u konsegwentement tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Gunju 2009 fil-kawza fl-ismijiet, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur."

Rat ir-rikors tal-appellant Simon Darmanin datat 16 ta' Frar 2012, il-visto tad-difensur tal-kontro-parti u d-digriet ta' din il-Qorti datat 9 ta' Marzu 2012 fejn accediet ghall-istess talbiet fir-rikors limitatament ghal dak hemm indikat (fol. 34).

Rat in-nota tal-appellanti datata 16 ta' Mejju 2012 u d-dokumenti hemm esebiti (fol. 43). Minn Dok. "SD 1" sa Dok. "SD 12") (fol. 43 et sequitur).

Rat il-verbal tas-seduti quddiem din il-Qorti, nkluzi x-xhieda tal-Marixxal Mario Genuis u Clint Bonnici u fejn id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Settembru 2012.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li l-appellant ma giex debitament notifikat skont il-ligi u b'hekk la darba l-kawza pprocediet kontra tieghu minkejja dan huwa ma nghatax smiegh xieraq bil-ksur tal-principu *audi alteram partem*. Jinghad li fil-fatt l-appellant qatt ma gie notifikat fir-residenza tieghu meta giet ordnata li n-notifika ssir bl-

affissjoni tant li huwa jghid li l-affissjoni ma saritx mal-bieb tal-post fejn joqghod izda mal-bieb ta' terza persuna.

Illi wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza din il-Qorti jirrizultalha li l-appellanti jirrisjedi fil-fond 15, Triq il-Barrani, Zejtun kif jidher mill-kopja tal-Karta tal-Identita` tieghu (Dok. "K I" – fol. 15) u wkoll min estratti tar-registru elletorali (Dok. "SD 5" – fol. 48; Dok. "SD 6" – fol. 49); Dok. "SD 7" – fol. 50) *inter alia*, u dwar dan ma hemm ebda kontestazzjoni.

Illi jirrizulta wkoll li fl-istess triq hemm indirizz iehor bin-numru 15 u dan huwa ndikat bhala "15, Oliver Grace, Triq il-Barrani, Zejtun" li fih hemm indikat li joqghodu certu Carmelo u Katie Farrugia (Dok. "SD – 9" – fol. 52) u minn l-atti kollha jirrizula li l-fond fejn jirresjedi l-appellant ma jismux Oliver Grace. Jirrizulta li fil-fatt li sar tentattiv sabiex l-atti gudizzjarji jigu notifikati proprio f'dan il-fond "15, Oliver Grace, Triq il-Barrani, Zejtun", tant li fl-ewwel riferta negattiva datata 15 ta' Dicembru 2003 (a tergo ta' fol. 7 tal-process) jinghad li *"mhux maghruf go dan il-post sibt lill Karmenu Farrugia….".* L-istess sar fir-riferta tan-notifika datata 5 ta' Marzu 2004 (a tergo ta' fol. 10). Wara dan intalbet li ssir in-notifika tal-konvenut/appellant bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 u l-ewwel Qorti laqghet it-talba b'digriet datat 31 ta' Mejju 2004 (fol. 13).

Jidher li l-affissjoni saret fil-fond indikat bhala "15, Oliver Grace, Triq il-Barrani, Zejtun" datata 9 ta' Lulju 2004 (a tergo ta' fol. 15 tal-process) u l-inkartament gie ritornat proprju minn Carmelo Farrugia li permezz ta' nota datata 19 ta' Lulju 2004 (fol. 160), ffirmata mid-difensur tieghu Dr. Joseph M. Buttigieg, informa lill-Qorti li huwa ma ghandhu x'jaqsam xejn mal-kawza u li l-konvenut Simon Darmanin ma kienx jabita f'dak il-post. Mill-atti jirrizulta li harget notifika ghall-konvenut fil-fond 15, Triq il-Barrani, Zejtun izda din kienet wahda negattiva (riferta a tergo ta' fol. 30 tal-process bil-kliem "hadd ma fetah") u ma jidhirx li sussegwentement saret xi forma ta' notifika fir-residenza attwali tal-konvenut appellant. Minkejja tali riferta negattiva jidher li saru biss il-pubblikazzjonjiet. Ma kien

hemm ebda tentattiv ta' notifika jew affissjoni fil-fond residenza tal-appellant 15, Triq il-Barrani, Zejtun, tant li wara li gew esebiti l-pubblikazzjonijiet indikati, il-kawza b'verbal tas-17 ta' Gunju 2005 thalliet ghall-provi attrici ghall-10 ta' Novembru 2005 (fol. 38).
Minn dawn l-atti jirrizulta ghalhekk li l-appellant Simon Darmanin qatt ma gie notifikat fir-residenza tieghu u certament li n-notifika li saret bil-procedura tal-affissjoni saret hazin ghaliex din saret fil-fond "15, Oliver Grace, Triq il-Barrani, Zejtun" li ma huwiex ir-residenza tal-konvenut/appellant. L-atti gew ritornati kif inghad mill-okkupant tal-istess fond Carmelo Farrugia, u sussegwentement ghal dan ma saritx l-affissjoni fil-fond fejn jirresjedi l-konvenut, li fic-citazzjoni gie f'xi zmien indikat korrettament bhala "15, Triq il-Barrani, Zejtun" kif jidher a tergo ta' fol. 2 tal-process u wkoll mill-*folder* fejn thallset sabiex issir in-notifika tal-konvenut datata 18 ta' Jannar 2005 fejn l-indirizz huwa indikat bhala dak ta' "15, Triq il-Barrani, Zejtun". Kien proprju hawn li kien hemm notifika negattiva datata 20 ta' Jannar 2005 (a tergo fol. 31) ghaliex inghad li ma 'fetah hadd'.

Jirrizulta ghalhekk li d-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 187 (3) tal-Kap.12** ma gewx osservati ghaliex l-istess artikolu jehtieg li:-

(a) l-affissjoni ssir billi titwahhal kopja tal-att fil-post, belt jew fid-distrett fejn is-soltu jitwahhlu l-atti ufficjali *"u meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun maghruf, billi titwahhal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza";*

(b) ssir pubblikazzjojni billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gurnal ta' kuljum wiehed jew aktar skont kif il-Qorti tiddeciedi.

Illi f'dan il-kaz jidher li fl-ewwel lok il-konvenut qatt ma gie notifikat fir-residenza tieghu, u wkoll li l-affissjoni saret f'post fejn kienu jirrisjedu terzi, tant li l-istess persuni rritornaw l-atti l-Qorti u nformaw lill-Qorti li hemm ma kienx jirrisjedi l-konvenut. Minkejja dan sar biss tentattiv wiehed ta' notifika lill-konvenut fl-indirizz attwali tieghu, fejn kien

hemm biss riferta negattiva, u ma sar ebda tentattiv iehor sabiex jigi notifikat. B'hekk jirrizulta li effettivament il-konvenut qatt ma gie debitament notifikat skont il-Ligi.

Illi jinghad ukoll li in vista tar-risultanzi processwali, l-affissjoni li saret fid-9 ta' Lulju 2004 (a tergo ta' fol. 15 tal-process) fil-fond "15, Oliver Grace, Triq il-Barrani, Zejtun" ma tista' qatt titqies bhala valida ghaliex kif inghad b'nota ta' Carmelo Farrugia datata 19 ta' Lulju 2004 (fol. 16) dan indika li huwa u mhux il-konvenut kien jabita fil-fond fejn effettivament saret l-affissjoni. Ghalhekk tali notifika fil-konfront tal-konvenut ma hijiex valida. Jinghad ukoll li la darba kien maghruf il-fond fejn joqghod il-konvenut, skont l-Artikolu 187 (3) l-affissjoni kellha ssir mal-istess residenza. Kif irrizulta mill-atti kollha, u minn dawk anke rizultanti lil din il-Qorti, ma kienx hemm diffikulta` sabiex dan isir. Li sar f'dan il-kaz kien biss li b'mod sfortunatament konsistenti (hlief ghall darba) it-tentattiv ta' notifika kien qed isir f'fond fejn jabitaw terzi u mhux il-konvenut. Li dan l-izball baqa' jippersisti juri nuqqas minn diversi persuni, izda dan ifisser li effettivament il-konvenut/appellant ma kienx debitament notifikat. Ghalhekk l-appell odjern huwa ben fondat u d-decizjoni tal-ewwel Qorti fl-ismijiet premessi datata 9 ta' Gunju 2009 ser tigi ddikjarata ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi bhala nulla u bla effett u l-atti tal-kawza ser jigu rimandati lill-ewwel Qorti sabiex issir in-notifika skont il-ligi u l-kawza tigi trattata u deciza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tilqa' l-appell kif interpost u dan billi tiddikjara li l-appellant qatt ma gie debitament notifikat kif tippreskrivi l-Ligi bic-citazzjoni numru 1067/2003 u b'hekk id-decizjoni fl-ismijiet premessi moghtija mill-ewwel Qorti fl-4 ta' Gunju 2009 hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghalhekk tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti sabiex issir d-debita notifika u l-kaz jigi trattat u deciz fil-mertu skont il-Ligi.

Bl-ispejjez riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------